HOUSING AUTHORITY

**HBS**
/20

# SKEMA TA' BENEFIĊĊJU FUQ IL-KERA F'RESIDENZI PRIVATI b'effett mill-1 ta' Frar 2019

Applikazzjoni għal Benefiċċju fuq il-Kera f'Residenzi Privati u li mhumiex proprjetà tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern, l-Awtorità tad-Djar, Korpi Parastatali jew xi awtorità oħra

## TWISSIJA

**Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza tiġi skwalifikata għall-perijodu ta' ħames (5) snin milli tibbenefika minn xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministeru responsabbli għad-Djar.**

**Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjoni ta' din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar ikollha d- dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni. Kull ħlas magħmul f'din l-applikazzjoni ma jiġix mogħti lura f'każ li l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata. Għaldaqstant, mitlub taqra sewwa l-kundizzjonijiet ta' din l-iskema.**

## Sabiex tiġi aċċettata din l-applikazzjoni, jinħtieġ li:-

1. Tkun mimlija kollha u ffirmata minn kull kerrej konoxxut;
2. F'każ ta' koppja miżżewġa jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili li mhix legalment jew *bone fide de facto* separata, l-applikazzjoni għandha ssir mit-tnejn flimkien;
3. Ikollha *cash* jew *bill payable* ta' €10 f'isem iċ-"Chairman, Awtorità tad-Djar" ;
4. Ikollha d-dokumenti neċessarji skont kif stipulat f'Taqsima 4 ta' din l-applikazzjoni.

**L-informazzjoni personali provduta fuq din l-applikazzjoni hija protetta u tintuża skont l-Att dwar il-Protezzjoni u Privatezza tad-Data**

L-informazzjoni personali provduta fuq din l-applikazzjoni ser tintuża strettament mill-Awtorità tad- Djar għal din l-applikazzjoni u ser tiġi pproċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad- Data (Kap 586 ta' 2018 kif emendata b' XII ta' 2021 & AL 212 of 2023). Inti tista' teżerċita d-dritt ta' aċċess u verifika għall-informazzjoni personali miżmuma dwarek billi tagħmel talba bil-miktub lill-Awtorità tad-Djar .

## TAQSIMA 1 – INFORMAZZJONI PERSONALI DWAR L-APPLIKANT/I U FUQ IL-POST LI FUQU QED ISSIR IT-TALBA GĦAL BENEFIĊĊJU TAL-KERA

1a) Isem u Kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

______________________________

Nru. tal-Karta tal-Identità: ______________ Data tat-Twelid: ______________

Numru tat-Telefon tad-Dar: ______________ Numbru tal-Mobile: ______________

Email: ______________ Stat Ċivili: ______________

1b) Isem u Kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

______________________________

Nru. tal-Karta tal-Identità: ______________ Data tat-Twelid: ______________

Numru tat-Telefon tad-Dar: ______________ Numbru tal-Mobile: ______________

Email: ______________ Stat Ċivili: ______________

1c) Isem u Kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

______________________________

Nru. tal-Karta tal-Identità: ______________ Data tat-Twelid: ______________

Numru tat-Telefon tad-Dar: ______________ Numbru tal-Mobile: ______________

Email: ______________ Stat Ċivili: ______________



ikompli fil-paġna li jmiss/....

## TAQSIMA 2 – INFORMAZZJONI OĦRA

i. L-Ammont ta' kera/Ċens imħallas fis-sena € ______

ii. L-applikant/a għandu tfal taħt it-18-il sena jgħixu miegħu/magħha? Jekk IVA kemm? ______

iii. L-applikant vittma ta' vjolenza domestika? IVA ☐ LE ☐

iv. Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kera: LL / SL ______

v. Il-Post jikkonsisti f': Dar ☐ Appartament ☐ Maisonette ☐

vi. Data taż-żwieġ jew data tal-Unjoni Ċivili: ______

## TAQSIMA 3 – DETTALJI TAL-BANK

Dettalji dwar il-kont tal-Bank fejn ser jiġi depożitat il-benefiċċju:

BICC & Swift Code:________________________ Bank/Fergħa: _________________

IBAN:

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

## TAQSIMA 4 – DOKUMENTI U ĊERTIFIKATI NEĊESSARJI

Lista ta' dokumenti u ċertifikati li jeħtieġ jipproduċi l-applikant flimkien ma' din l-applikazzjoni (skont il-każ).

i) Fotokopja minn żewġ naħat tal-Karta tal-Identità valida ta' kull applikant u wliedu li jgħixu miegħu taħt it- tmintax-il sena.

ii) F'każ li l-applikant jew xi ħadd minn uliedu li jgħixu miegħu għandu diżabilità, għandha tiġi pprovduta kopja tal-Karta tal-Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

iii) F'każ ta' persuna separata / divorzjata / annullata, għandha tipprovdi kopja tad-deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili bl-awtorità tal-qorti kompetenti.

iv) F'każ ta' applikant *bona fide de facto* separat għandhom jinġiebu dawk il-provi dokumentati jew provi ta' xort'oħra li jippruvaw il-pożizzjoni tagħhom bħala persuni *bona fide de facto* separati. L-Awtorità jkollha d-diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi jekk il-prova ta' separazzjoni *de facto* ġietx attenuta.

v) FS3 tal-applikant għas-sena kalendarja preċedenti d-data tal-applikazzjoni. F'każ ta' applikant pensjonant, mitlub jipproduċi dokument li juri l-ammont kollu ta' pensjoni, u f'każ ta' applikant *Self Employed, Profit & Loss Account / Income Statement* iffirmat minnu u *Balance Sheet / Statement of Financial Position* jekk applikabbli kif ukoll kopja tal-Formola tat-Taxxa tas-sena kalendarja preċendenti d-data tal-applikazzjoni jekk applikabbli.

vi) F'każ li l-applikant qiegħed jagħmel *fostering* tat-tfal, kien *fostered*, kien jgħix f'istituzzjoni, temm programm ta' riabilitazzjoni, jew ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, għandhom jipproduċu dokument uffiċjali li jindika dan.

vii) Fil-każ ta' Applikanti DV, dokument minn *Social Worker* fi ħdan is-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ u l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità. Dokumenti datati aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-applikazzjoni mhux se jiġu kkunsidrati validi jekk jiġu ppreżentati bħala l-unika forma ta' evidenza.

**APPLIKAZZJONIJIET LI JKOLLHOM DOKUMENTI NIEQSA MA JIĠUX AĊĊETTATI**



ikompli fil-paġna li jmiss/....

## TAQSIMA 5 - DIKJARAZZJONI

Jien hawn taħt iffirmat/a____________________________________bil-karta tal-Identità Numru

________________u resident ______________________________________________________

niddikjara li:

1. Qrajt, naqbel ma' u naċċetta l-kundizzjonijiet kollha li hemm fil-Gazzetta tal-Gvern relatati ma' din applikazzjoni, liema kundizzjonijiet jiffurmaw parti ntegrali minn din id-dikjarazzjoni u liema kundizzjonijiet jiena rċevejt ma' din l-applikazzjoni.

2. M'għandix proprjetà waħdi jew ma' oħrajn, diviża, indiviża, jew b'enfitewsi perpetwa, li hija tajba għall-abitazzjoni.

3. L-proprjetà li qed nikri u li hija r-residenza tiegħi, hija fi stat tajjeb ta' tiswija u f'kundizzjoni abitabbli, mingħajr perikolu, għandha s-sistema tad-dawl, ilma u d-drenaġġ u faċilitajiet sanitarji jiffunzjonaw tajjeb kif ukoll għandha kċina addattata bil-faċilitajiet neċessarji għat-tisjir.

4. It-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni hu sħiħ u korrett. F'każ li ma jkunux, nifhem li nitlef id-dritt għal kull sussidju li toffri l-iskema u kull depożitu li ħallast ma' din l-applikazzjoni.

5. F'każ ta' kwalunkwe ksur tat-termini tal-iskema, l-Awtorità tad-Djar ikollha d-dritt li tirtira l-benefiċċju li ser ningħata taħt din l-iskema u dan mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħi skont il-kundizzjonijiet tal-iskema, inkluż li nirrifondi lura kull sussidju li nkun irċevejt.

6. Naċċetta li f'każ fejn l-irċevuti tal-kera ma jiġux preżentati minni meta mitluba mill-Awtorità tad-Djar, il-benefiċċju tiegħi jiġi mwaqqaf immedjatament u jien inkun obbligat/a li nirrifondi l-ammont mogħti taħt l-iskema. F'każ ta' applikazzjoni frawdolenti jien nifhem li tittieħed azzjoni kriminali kontrija skont il-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

7. Naċċetta li f'każ li l-applikazzjoni tiegħi għall-benefiċċju taħt l-inizjattiva DV tkun suċċess, ma nkunx eliġibbli għall-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, naċċetta wkoll li mhux se nistieden lill-aggressur tiegħi fil-proprjetà peress li dan jista' jirriżulta fit-terminazzjoni tal-benefiċċju tiegħi.

________________________________ ________________________

Firma Data

________________________________ ________________________

Firma Data

________________________________ ________________________

Firma Data

HOUSING AUTHORITY

# DIKJARAZZJONI

Illum _______________

Jiena hawn taħt iffirmat/a ________________________________, bin/t _______________________________u __________________________ nee' ____________________ imwieled/imwielda ______________________ u residenti _________________________________________________________________________________ bil-Karta tal-Identità Numru _____________________ kif ukoll ________________________________, bin/t ______________u _______________ nee' _________________ imwieled/imwielda ____________________ u residenti _________________________________________________________________________________ bil-Karta tal-Identità Numru _____________________qed nagħti/tu l-kunsens tiegħi/tagħna:-

- lill-Awtorità tad-Djar sabiex taċċessa għall-iskop ta' din l-applikazzjoni l-employment history tiegħi/tagħna minn Jobsplus; u
- lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jagħti informazzjoni dwari lill-Awtorità tad-Djar (permezz ta' talba bil-miktub) li tkopri kwalunkwe perjodu ta' żmien li l-istess Awtorità tqis xieraq*;

Għal dan il-għan jien hawn taħt iffirmat qed nagħti lill-istess Awtorità tad-Djar prokura speċjali biex f'ismi tiġbor l-informazzjoni indikata hawn fuq.

L-informazzjoni personali provduta fuq din l-applikazzjoni hija protetta u tintuża mill-Awtorita' tad-Djar għal dak neċessarju u leġittimu sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni tiegħek. Din l-informazzjoni personali se tiġi pproċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap.586), ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-liġijiet applikabli f'Malta li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien. Inti tista' teżerċita d-dritt ta' aċċess u verifika għall-informazzjoni personali miżmuma dwarek billi tagħmel talba bil-miktub fl-indirizz 22, Triq Pietro Floriani, Floriana FRN 1060.

** L-istess Awtorità tad-Djar ikollha jedd li minn żmien għal żmien titlob aġġornament ta' kull informazzjoni dwari mill-entitajiet indikati hawn fuq.*

Firma ____________________________________ Firma ____________________________________